**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 13**

**It-Tlieta, 4 ta' Lulju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-3.27 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Davina Sammut Hili u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 12 li saret it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023, ġew ikkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR KENNETH FARRUGIA GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-BORD TAL-GVERNATURI TAL-KORP GĦALL-ANALIŻI TA' INFORMAZZJONI FINANZJARJA (FIAU) - KONT.**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, datata 27 ta' April 2023, dwar in-nomina tas-Sur Kenneth Farrugia għall-ħatra ta' Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU). Huwa fakkar lill-Kumitat li s-smigħ fir-rigward ta' din in-nomina kien beda fil-laqgħa tal-Kumitat Nru 12 li saret fl-20 ta' Ġunju 2023.

L-Onor. Andy Ellul ikkonferma li d-dokumentazzjoni li kienet rikjesta mill-Kumitat fil-laqgħa preċedenti kienet waslet u minnha kien jidher li n-nomina kienet *in regola*. Fost id-dokumentazzjoni kien hemm l-ittra tan-nomina tas-Sur Farrugia fil-Bord tal-Gvernaturi tal-FIAU, kif ukoll lista tal-membri l-ġodda tal-istess Bord.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Kenneth Farrugia sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Farrugia kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Kenneth Farrugia daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Farrugia li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Farrugia kkonferma li kien irċieva l-ittra tan-nomina tiegħu bħala membru tal-Bord tal-FIAU.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Is-Sur Farrugia wieġeb mistoqsijiet tal-Onor. Karol Aquilina dwar meta serva bħala Direttur tal-FIAU u kif inħatar Direttur, kif ukoll mistoqsijiet oħra.

Fit-3.57 p.m. l-Owen Bonnici ħareġ mill-kamra tal-Kumitat sabiex jattendi għas-seduta fil-plenarja.

Fl-4.28 p.m. l-Onor. Julie Zahra ħarġet mill-kamra tal-Kumitat sabiex tattendi għas-seduta fil-plenarja.

Il-Kumitat qabel li l-laqgħa tkun sospiża għal 20 minuta sabiex il-membri jkunu jistgħu jattendu laqgħat ta' kumitati oħra skedati.

Fl-4.30 p.m. il-laqgħa kienet sospiża u rriżumiet fl-4.53 p.m.

Il-Kumitat kompla bid-diskussjoni dwar kif l-FIAU jista' jkompli jissaħħaħ u jtejjeb il-policies tiegħu sabiex jagħti servizz aħjar.

Is-Sur Farrugia kien mistoqsi jekk ikollux kunflitt ta' interess jekk jinħatar fl-irwol ta' Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-FIAU minħabba l-kariga għolja li jokkupa fl-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Hu qal li jħoss li l-karigi huma aktar kumplimentari milli konfliġġenti.

Fis-6.08 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Kenneth Farrugia u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Is-Sur Kenneth Farrugia rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-6.09 p.m. il-laqgħa ġiet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fis-6.15 p.m.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Kenneth Farrugia għall-kariga ta' Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU). Il-membri tan-naħa tal-Gvern ivvotaw favur in-nomina u l-membri tan-naħa tal-Oppożizzjoni vvotaw kontra. Il-ħatra proposta għaddiet.

L-Onor. Owen Bonnici u l-Onor. Julie Zahra ma kinux preżenti għall-votazzjoni għaliex kienu preżenti għas-seduta fil-plenarja.

Fis-6.17 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Kenneth Farrugia jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Kenneth Farrugia daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom

jintbagħtu lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol. Kopja tal-ittra tal-approvazzjoni kienet se tintbagħat ukoll lill-Prim Ministru.

Fis-6.18 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**